Kunsill Lokali Pembroke
Triq Alamein
Pembroke, PBK 1776,
Malta.
**Tel** : (+356) 2137 2111 **Fax** : (+356) 2137 2555
**Web page** : www.pembroke.gov.mt
**e-mail** : pembroke.lc@gov.mt

Pembroke Local Council
Alamein Road
Pembroke, PBK 1776,
Malta.
**Tel** : (+356) 2137 2111 **Fax** : (+356) 2137 2555
**Web page** : www.pembroke.gov.mt
**e-mail** : pembroke.lc@gov.mt

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Pembroke

## SEBA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 12/2017

**It-Tlieta 28 ta' Novembru, 2017**

Il-Kunsill Lokali Pembroke Itaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq Alamein, Pembroke, fil-5:30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Dean Hili – Sindku
Raymond Lanzon – Viċi Sindku
Evelyn Vella Brincat – Kunsillier
Charles Cesare – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**
Mark Causon – Kunsillier **(Dok 1)**
Jesmar Scicluna - Ambaxxatur Lokali għaż-Żgħażagħ **(Dok 2)**

**ASSENTI**
Ħadd

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**
Kevin Borg – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Dean Hili ppresjeda l-laqgħa.

## 12.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji.

12.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li l-Kunsillier Mark Causon bagħat apoloġija minħabba li ser ikun fuq xogħol barra minn Malta. **(Dok 1)** kif ukoll li l-Ambaxxatur taż-Żgħażagħ ma setax jattendi minħabba mpenji skolastiċi. **(Dok 2)**

12.1.2 Is-Sindku Dean Hili ppropona li l-Kunsill jaċċetta dawn l-apoloġiji.

12.1.3 Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

12.1.4 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 12.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti 11/2017.

12.2.1 Is-Sindku Dean Hili ppropona l-approvazzjoni tal-Minuti referenza 11/K7/2017 kif ippreżentati.

12.2.2 Il-Viċi Sindku Raymond Lanzon issekonda.

12.2.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 12.3. Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri.

12.3.1 Peress li ma kienx hemm mistoqsijiet, is-Sindku Dean Hili għadda għall-item li kien imiss.

## 12.4 Komunikazzjoni mis-Sindku.

12.4.1 Is-Sindku Dean Hili informa lill-Kunsill, li l-Kunsill kien irċieva l-allokazzjoni finanzjarja għas-sena 2018 u għalhekk issa tista' tiġi ffissata d-data tal-laqgħa tal-lokalita'. Fid-dawl ta' dan il-kelliem ippropona li l-Kunsill għandu jiltaqa' nhar il-Ħamis 14 ta' Diċembru fis-6:00pm biex jiddiskuti l-Estimi għas-sena 2018 u l-Business Plan 2018-2020, dakinhar stess fis-6:30pm issir il-Laqgħa tal-Lokalita' fis-sala tal-Kunsill u eventwalment issir laqgħa oħra tal-Kunsill fid-19 ta' Diċembru 2017 biex jiġu approvata l-Estimi għas-sena 2018. Il-kelliem żied jgħid li l-allokazzjoni għas-sena 2018 żdiedet b'€17,822.00 fuq is-sena 2017.

12.4.2 Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

12.4.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

12.4.4 Is-Sindku Dean Hili ppropona li l-Kunsill jixtri kotba biex jintużaw f'Jum il-Premjazzjoni ta' Skola Sports u l-Iskola Sekondarja ta' Pembroke, Kulleġġ Santa Klara, sa massimu ta' €50.00 għal kull skola.

12.4.5 Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

12.4.6 Il-Kunsill qabel unanimament.

12.4.7 Is-Sindku Dean Hili nforma lill-Kunsill li fil-jiem li għaddew, is-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg kien żamm mal-iskadenzi tad-DGL fejn ġew preżentata d-dokumenti kollha vis-a-vis l-EloGE, proċess rigoruż u mpenjattiv ħafna.

**46/3728/17/I** Email mingħand Daniele Armeni bi proposta biex jiġi emendat id-disinn propost għad-dawl tal-Milied għal Triq Normandy.

12.4.8 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/3728/17/I** fejn ippropona li l-Kunsill japprova d-disinn propost ladarba huwa meljorament fuq dak indikat fit-tender.

12.4.9 Il-Viċi Sindku Raymond Lanzon issekonda.

12.4.10 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/3790/17/I** Email mingħand Lucienne Gravino fejn talbet jekk huwiex possibbli li minħabba nuqqas ta' konkorrenza, il-kors propost ikun miftuħ għall-persuni li m'humiex residenti ta' Pembroke.

12.4.11 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/3790/17/I** fejn ippropona li l-Kunsill japprova din it-talba.

12.4.12 Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

12.4.13 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4028/17/I** Email mingħand STC Malta jitolbu li jiġu nstallata bin u dog bin fil-passaġġ li minn Triq Alamein jagħti għal Triq Giorgio Mitrovich.

12.4.14 Il-Kunsillier Charles Cesare għamel referenza għall-korrispondenza **46/4028/17/I** fejn ippropona li din it-talba għandha tiġi aċċettata u jitwaħlu biswit l-STC faċċata tat-taraġ li jagħti minn Triq Giorgio Mitrovich.

12.4.15 Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

12.4.16 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/3930/17/I** Proposta mingħand il-Perit tal-Kunsill għall-upgrading tal-picnic area fi Triq Anzio.

12.4.17 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/3930/17/I** fejn ippropona li l-Kunsill għandu jikkomunika mal-Perit li d-disinn għandu jkun aktar konservattiv billi jinżamm dak li hemm u forsi jinstabu picnic furniture (imwejjed u bankijiet) tal-konkrit minħabba l-vandaliżmu.

12.4.18 Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

12.4.19 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 12.5 Rapporti, ilmenti u ordnijiet ta' xogħlijiet.

12.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg ippreżenta lill-Kunsill:

- **Internal Memo 41/2017** - Lista ta' laqgħat li saru bejn laqgħa referenza 11/K7/17 u 12/K7/17. **(Dok. 3)**

- **Internal Memo 42/2017** - Lista ta' works orders maħruġa bejn laqgħa referenza 11/K7/17 u 12/K7/17. **(Dok. 4)**
- **Internal Memo 43/2017** - Lista ta’ ilmenti li għadhom pendenti bejn il-Laqgħa 11/K7/17 u 12/K7/17. **(Dok. 5)**

12.5.2 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-**Internal Memo 42/2017** dwar works orders maħruġa bejn laqgħa u oħra, fejn ippropona r-ratifikazzjoni tagħhom, liema works orders inħarġu skond l-esiġenzi li kellu l-Kunsill.

12.5.3 Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

12.5.4 Il-Kunsill qabel unanimament.

12.5.5 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-**Internal Memo 43/2017** dwar ilmenti li għadhom pendenti, fejn ippropona li:

| **Ref.** | | **Ilment** | **Azzjoni** |
|---|---|---|---|
| 39 | 2017 | Informa lill-Kunsill li hemm 2 hofriet ezatt quddiemu fi Triq Bice Mizzi Vassallo | Għandhom jiġu ordnata |
| 40 | 2017 | Talab sabiex jinzebagh taht il-bankina ghax kollu mibrux u jekk jista jkun issir griza bhal ma saret fejn il-blokki l-ohra (Blokk 7 Triq Patri Serafin Zarb) | Għandha tinxtara ż-żebgħa u jsir ix-xogħol |
| 41 | 2017 | Talab isir patching ta' Triq Gabriele Henin. | Għandu jiġu ordnat ix-xogħol u patching ieħor li hawn bżonn |
| 43 | 2017 | Talbet jigu rrangata il-lampi kollha l-baxxi li hemm quddiem blk 13B Triq Pietro Rossell ghax ilhom maqtugha xhur. | Għandhom jiġu ordnata |

12.5.6 Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

12.5.7 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 12.6 Ambaxxatur Lokali għaż-Żgħażagħ.

12.6.1 Is-Sindku Dean Hili nforma lill-Kunsill li għalkemm sar avviż fuq il-paġna uffiċjali ta’ facebook tal-Kunsill, għal aktar minn darba, ħadd ma kien applika.

## 12.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta’ pagamenti.

12.7.1 Is-Sindku Dean Hili ppreżenta l-iskeda tad-dħul u ħruġ. **(Dok. 6, 7 u 8)**

12.7.2 Wara li l-Kunsilliera raw u skrutinaw il-kontijiet ippreżentati, is-Sindku Dean Hili ppropona l-approvazzjoni tal-kontijiet kollha kif ippreżentata.

12.7.3 Il-Viċi Sindku Raymond Lanzon issekonda.

12.7.4 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 12.8 Mozzjonijiet.

12.8.1 Is-Sindku Dean Hili nforma li ma kienu daħlu ebda mozzjonijiet u għalhekk għadda għall-item li kien imiss.

## 12.9 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

12.9.1 Il-laqgħa ntemmet fis-6.45pm u ġiet aġġornata għal 14 ta' Diċembru 2017 fis-6:00pm b'laqgħa tal-Kunsill u fis-6:30pm bil-laqgħa tal-lokalita'.

Konfermati, illum 14 ta' Diċembru, 2017

**IFFIRMATA**
Avv. Dean Hili
**Sindku**

**IFFIRMATA**
Kevin Borg
**Segretarju Eżekuttiv**